MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1137/2003

**Joseph CALLEJA f'ismu proprju u bħala azzjonista u direttur tas-soċjetajiet AC Calleja Bros Ltd u Vitafoam Limited**

**vs**

**Vincent CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Ottubru, 2003, li bih ippremetta:

Illi l-esponent Joseph Calleja huwa direttur tas-soċjeta' AC Calleja Bros Ltd, f'liema soċjeta' huwa ukoll azzjonista kwantu għal 1000 sehem ordinarji ta' Lm1 il-wieħed (minn total ta' 4,000 sehem ordinarju ta' Lm1 il-wieħed), fil-waqt li Vincent Calleja kien ukoll direttur ta' l-istess soċjeta', f'liema soċjeta' huwa għadu azzjonista kwantu għal 334

sehem ordinarji, kif ukoll jokkupa ir-rwol ta’ company secretary;

Illi l-azzjonisti l-oħrajn tas-soċjeta’ A.C. Calleja huma Rose Farrugia għal 200 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Pauline Farrugia għal 200 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Antoinette Spiteri għal 200 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Maria Tabone għal 200 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Claudia Spiteri għal 200 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, David Calleja għal 333 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Maria Spiteri għal 333 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed u Carmen Calleja għal 1000 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed;

Illi l-esponent huwa ukoll azzjonista u direttur fis-soċjeta’ Vitafoam Limited kwantu għal 12,500 sehem ordinarju ta’ Lm1 il-wieħed (minn total ta’ 50,000 sehem ordinarju ta’ Lm1 il-wieħed), fil-waqt illi Vincent Calleja huwa azzjonista fl-istess soċjeta’ kwantu għal 4167 ishma ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed;

Illi l-azzjonisti l-oħrajn fis-soċjeta’ Vitafoam Limited huma Rose Farrugia għal 2500 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Pauline Farrugia għal 2500 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Antoinette Spiteri, Maria Tabone għal 2500 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Claudia Spiteri għal 2500 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, David Calleja għal 4167 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed, Maria Spiteri għal 4166 sehem ordinarji ta’ Lm1 il-wieħed u Carmelina Calleja għal 12,500 sehem ordinarju ta’ Lm1 il-wieħed;

Illi l-intimat Vincent Calleja huwa direttur fis-soċjeta’ Kelly’s Corner Ltd, f’liema soċjeta’ huwa ukoll azzjonista kwantu għal 125 sehem ordinarju ta’ Lm1 il-wieħed (minn total ta’ 500 sehem ordinarji ta’ lira il-wieħed); F’din is-soċjeta’ r-rikorrent ma għandu ebda sehem jew interess (kopja informi annessa tal-istatut Dok. A);

Illi l-intimat jiġġestixxi wkoll negozju għal rasu taħt l-isem ta’ Kelly Industries b’liema marka huwa jikkompeti direttament mas-soċjetajiet Vitafoam Limited u A.C. Calleja Limited;

Illi l-intimat ilu addirittura snin twal, jaġixxi kontra l-interessi tas-soċjetajiet AC Calleja Bros Ltd u Vitafoam Limited, kif jiġi spjegat aktar fid-dettal hawn taħt u waqt l-andament tas-smigħ ta' dan ir-rikors. Ir-rikorrent għamel li seta' biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata u biex tiġi evitata il-proċedura iżda bla ebda success;

Illi l-intimat, wara li diversi drabi ġie mwissi biex jissana l-posizzjoni, irriżenja mill-kariga tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' AC Calleja Bros Limited fit-3 ta' Frar ta' l-2003, iżda appunta minn floku bħala diretturi lill-oħtu Maria Spiteri li għandha interess fis-soċjeta' tal-konvenut Kelly's Limited kif jiġi spjegat b'mod aktar ċar waqt l-andament tal-każ u lil Andre' Carbonaro u xorta waħda l- konvenut baqa' jaġixxi kontra l-interessi ta' l-istess soċjeta'. Dan ser jiġi pruvat bid-dettall bid-dokumentazzjoni neċessarji;

Madankollu jrid jingħad illi l-intimat għadu mpjegat ta' u jitħallas mill-istess soċjeta', u dan bħala Managing Director tal-istess;

Illi sad-data tar-riżenja, u ċioe' fil-perjodu fejn kien direttur, l-intimat aġixxa b'diversi modi illi kkaġunaw preġudizzju serju lis-soċjetajiet A.C. Calleja Bros Limited, u Vitafoam Ltd;

Illi l-intimat, fil-kariga tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' Kelly's Corner Limited ivvjola id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 136A ta' l-Att dwar il-kumpanniji, billi kellu kunflitt ta' interessi personali mal-kariga tiegħu bħala direttur fis-soċjeta' AC Calleja Bros Ltd, u billi inoltre, kien u għadu jagħmel użu tal-proprjeta', informazzjoni, u opportunita' tal-kumpannija għal benefiċċju tiegħu personali jew tas-soċjeta' Kelly's Corner Limited;

Illi l-intimat Vincent Calleja, fil-kariga tiegħu bħala direttur ta' AC Calleja Ltd, uża ħażin is-setgħat tiegħu bħala direttur ta' l-istess kumpannija kif jirriżulta aħjar fil-kors ta' din il-kawża;

Anki wara li kien irriżenja mill-kariga tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' A.C. Calleja Bros Limited l-intimat aġixxa b'mod skorrett u żleali fil-konfront ta' l-istess soċjeta' billi baqa' jintralċja l-operat ta' l-istess soċjeta' billi għadu sallum jikkmanda hu l-prezzijiet li bihom tinxtara u tinbiegħ il-merkanzija, kemm bejn is-soċjetajiet imsemmija kif ukoll lil Kelly's Corner Ltd., u dana għal vantagg personali tiegħu, jew tas-soċjeta' tiegħu kontra l-interessi tas-soċjetajiet imsemmija. Diversi dokumenti rilevanti jiġu ppreżentati biex juru dan;

Illi l-intimat anki biegħ merkanzija mingħand is-soċjeta' AC Calleja Bros Limited lill-klijent partikolari u ordnalu illi ċ-ċekk jinħareg fuq Kelly's Corner Ltd;

Illi fost tant u tant inċidenti li jiġu riferiti lil din il-Qorti waqt is-smigħ tar-rikors, l-istess intimate tant reċentement sad-9 t'Ottubru 2003 ġarr fil-fabbrika tal-Vitafoam Limited numru konsiderevoli ta' oġġetti ta' merkanzija li jikkompetu direttament mal-oġġetti prodotti mill-istess ditta. Konfrontat, huwa stqarr illi tali prodotti kien ipproduċihom hu stess. Huwa ġie mfakkar illi l-prassi kostanti tas-soċjetajiet kienet dejjem illi s-soċjeta' Vitafoam tipproduċi l-merċa u din tiġi mibjugħa lis-socjeta' A.C. Calleja li mbagħad tbiegħ tali merċa. L-intimat irrisponda b'md negattiv;

Il-merċa in kwistjoni tgħabbiet ġewwa van tas-soċjeta' u mhux magħruf lil min intbagħtet għalkemm il-konsenja aktarx saret Għawdex;

Illi b'tali aġir l-intimat aġixxa kontra l-interessi tas-soċjetajiet AC Calleja Bros Ltd u Vitafoam Limited u konsegwentement kontra l-interessi tal-attur fil-vesti tiegħu personali;

Għal dawn il-motivi li jiġu spjegati aħjar u dettaljatament waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, u għar-raġunijiet l-oħra kollha li jiġu dettaljatament pruvati u dokumentati, l-esponent jitlob bir-rispett li taħt il-provvedimenti tal-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tiddikjara illi l-intimat aġixxa fil-passat u għadu jaġixxi

anki llum b'mod li jirreka preġudizzju lill-istess rikorrent bħala membru tas-soċjetajiet A.C. Calleja u Vitafoam Limited u jmur kontra l-interessi tal-istess;

Konsegwentement li din il-Qorti tagħti kull ordni u direttiva li jidhrilha xierqa a tenur tal-Artikolu 402(3) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll kull direttiva oħra li jidhrilha neċessarja kemm biex l-interessi tar-rikorrent ma jkomplux jiġu preġudikati kif ukoll biex jiġi likwidat u mħallas il-kumpens dovut lir-rikorrent a tenur tal-Artikolu 402(3)(f) tal-istess Kapitolu 386;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat;

Talab għalhekk li taħt il-provvedimenti tal-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tiddikjara illi l-intimat aġixxa fil-passat u għadu jaġixxi anki llum b'mod li jirreka preġudizzju lill-istess rikorrenti bħala membru tas-soċjetajiet A.C. Calleja u Vitafoam Limited u jmur kontra l-interessi tal-istess; u biex konsegwentement li tagħti kull ordni u direttiva li jidhrilha xierqa a tenur tal-Artikolu 402(3) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll kull direttiva oħra li jidhrilha neċessarja kemm biex l-interessi tar-rikorrenti ma jkomplux jiġu preġudikati kif ukoll biex jiġi likwidat u mħallas il-kumpens dovut lir-rikorrent a tenur tal-Artikolu 402(3)(f) tal-istess Kapitolu 386; bl-ispejjeż kontra l-intimat;

Rat id-dokument mehmuż mal-imsemmi Rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fil-5 ta' Diċembru, 2003, li biha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, preliminarjament, ir-rikorrent in kwantu qiegħed jaġixxi qua direttur tal-kumpanniji AC. Calleja Bros Ltd u Vitafoam Limited, ma jistgħax jaġixxi għan-nom tagħhom taħt l-artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995, stante li dak l-artikolu jikkontempla biss azzjoni minn membru ta' kumpannija, u mhux minn direttur fl-interess tal-istess kumpannija li l-aġir tagħha qed jiġi attakkat;

2. Illi ukoll preliminarjament, l-azzjoni taħt l-artikolu 402 tista' tiġi biss intavolata kontra kumpannja li dwarha jkun qed jiġi allegat li tkun qed titmexxa ħażin, jew b'mod oppressiv, jew ta' preġudizzju għall-membru aggravat. Kwindi, in kwantu din l-azzjoni ġiet diretta personalment kontra persuna li hu direttur tal-kumpanniji konċernati, din ma tistax tirnexxi minħabba li l-intimat mhux u qatt ma jista' a priori' jkun, il-leġittimu kontradittur ta' azzjoni taħt l-artikolu 402;

3. Illi ukoll preliminarjament, jekk stess l-allegazzjonijiet ta' kompetizzjoni illeċita u aġir ieħor żleali, dapparti tal-intimat kienu fattwalment fondati, l-Att XXV jikkontempla azzjonijiet ad hoc, u ma jikkontemplax azzjoni taħt l-Art. 402;

4. Illi fil-mertu, l-intimat jiċħad bil-qawwa l-allegazzjonijiet li qegħdin isiru kontra tiegħu, billi huwa dejjem mexa b'mod korrett fil-konfront tas-soċjetajiet kollha li huwa jinsab involut fihom;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Jannar, 2004, fejn l-abbli difensur tar-rikorrent għamel preċiżazzjoni dwar il-kwalita' li fiha kien qiegħed jidher ir-rikorrent f'din il-proċedura, wara liema preċiżazzjoni l-abbli difensur tal-intimat irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-intimat;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degrieti tagħha tas-27 ta' Jannar, 2004, u tas-7 ta' Mejju, 2004, li bihom ir-rikors tħalla għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħarsien ta'azzjonist ta' kumpannija kontra preġudizzju mhux ġust. L-azzjoni hija maħsuba fl-artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995 dwar il-Kumpanniji. Ir-rikorrent, li huwa azzjonist u direttur fil-kumpanniji AC

Calleja Bros Ltd. u Vitafoam Limited, jixli lill-intimat (ukoll azzjonist u, sa ftit żmien ilu, uffiċjal tal-istess kumpanniji) li qiegħed jinnegozja permezz ta' kumpannija oħra f'kompetizzjoni mal-imsemmija kumpanniji u bi ħsara għalihom u bi ksur tal-liġi, u partikolarment tal-artikolu 136A tal-imsemmi Att. Jgħid li dan kien jagħmlu kemm meta kien għadu direttur tal-imsemmija kumpanniji, u baqa' jagħmlu wkoll sallum, minkejja li kien irriżenja minn dik il-kariga. Huwa għalhekk qiegħed jitlob lill-Qorti tagħti rimedji minbarra l-ġlas ta' danni;

Illi għal din l-azzjoni l-intimat laqa' billi ċaħad bil-qawwa x-xiljiet imressqin kontrih u billi ressaq xi eċċezzjonijiet preliminari u qal li l-azzjoni ma setgħetx tittieħed minn kumpannija imma minn azzjonist, li l-azzjoni bħal dik maħsuba mir-rikorrent trid titressaq kontra kumpannija u mhux kontra uffiċjal tagħha, u li kieku kellu jirriżulta minnu dak li qiegħed jixlih bih ir-rikorrent, l-azzjoni li messha ttieħdet riedet tkun azzjoni ta' għamla oħra u mhux azzjoni taħt l-artikolu 402;

Illi, kif ingħad, l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata wara li r-rikorrent fisser il-kwalita' li fiha kien ressaq din il-proċedura;

Illi din is-sentenza qegħda għalhekk tingħata dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħrajn ta' bixra preliminari;

Illi dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni messha nbdiet kontra kumpannija u mhux kontra membru tagħha, irid jingħad li l-artikolu 402 tal-Kap 386 jitkellem dwar liema huma ċ-ċirkostanzi li fihom huwa mogħti lil xi membru ta' kumpannija l-jedd li jressaq azzjoni bħal din. L-imsemmi artikolu jispeċifika li l-proponent irid ikun membru ta' kumpannija, u jispeċifika li l-proċedura tinbeda b'rikors. Il-liġi ma tippreskrivi l-ebda regola oħra ta' forma tal-att ġudizzjarju meħtieġ. Il-kelma "membru" hija mfissra bħala li tgħodd fiha persuna li tista' legalment tirrappreżenta l-interessi ta' membru mejjet, persuna li tkun leġittimament wirtet (b'testment jew *ab intestato*) ishma fil-kumpannija u

wkoll *nominee* liċenzjat li jkollu f'ismu ishma fil-kumpannija f'isem u fl-interessi ta' persuna oħra[1];

Illi l-azzjoni msemmija fl-artikolu 402 hija miruta mill-azzjoni maħsuba fl-artikolu 459 tal-Companies Act 1985 tar-Renju Unit u hija meqjusa bħala rimedju statutorju magħruf bħala l-"*unfairly prejudicial remedy*". Il-kliem użat fid-dispożizzjoni relattiva tal-istatut Britanniku jixxiebah ħafna ma' dak użat fl-artikolu 402 li, madankollu, reġa' ġie mibdul f'dawn l-aħħar żminijiet[2];

Illi l-intimat jgħid li l-kontradditur leġittimu waħdien f'azzjoni taħt l-artikolu 402 ma jista' jkun ħadd ieħor għajr il-kumpannija nfisha, u dan għaliex il-jeddijiet ta' azzjonist fuq allegati ħsara jew preġudizzju mġarrab minnu jeżistu biss fil-konfront tal-kumpannija li minnha jagħmel parti. L-abbli difensur tal-intimat jisħaq li l-ordni li tista' tagħmel il-Qorti taħt l-artikolu 402(3) jekk kemm-il darba jirriżultalha li l-ilment ikun bażat sewwa u jkun ġust u ekwu li tagħtih jaqa' tabilfors f'ordni indirizzat lill-kumpannija li tkun. Itenni dan l-argument ukoll fir-rigward ta' ordni maħsub fis-sub-inċiżi (d) u (f) tal-imsemmi sub-artikolu;

Illi, min-naħa tiegħu, l-abbli difensur tar-rikorrent iwarrab tali sottomissjoni u jgħid li l-azzjoni tar-rikorrent trid taraha fil-qafas tal-ilmenti li saru. L-ilmenti jirrigwardaw l-imġiba tal-intimat kemm fiż-żmien li kien direttur u kif ukoll wara li ma baqax, u dan kif tali mġiba laqtet ħażin lill-kumpanniji li r-rikorrent huwa azzjonist fihom. L-azzjoni kellha ssir kontra min qiegħed jopprimi l-jeddijiet tal-azzjonisti minoritarji u mhux kontra l-kumpannija. Minbarra dan, jgħid li m'huwiex minnu li l-ordnijiet li tista' tagħti l-Qorti fi proċedura bħal din jistgħu jiġu indirizzati biss lejn kumpannija, għaliex f'uħud minnhom huwa evidenti li l-leġislatur irid li ordni tkun tolqot persuna fiżika partikolari u mhux persuna ġuridika bħalma hija kumpannija;

Illi l-Qorti, wara li qieset sewwa l-argumenti mressqin b'ħila mid-difensuri tal-partijiet, tasal biex taqbel mal-pożizzjoni tar-rikorrent. Fl-ewwel lok, dan jingħad

[1] Art. 402(6) tal-Kap 386
[2] Bl-Att IV tal-2003, art. 156

b'riferenza għan-natura tal-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum. Din l-azzjoni tfissret[3] bħala strument flessibbli għall-azzjonist li, milqut bi preġudizzju attwali jew potenzjali, joffrilu rimedji ekwitattivi li jħallu 'l-Qorti tifli l-imġiba ta' dak li jseħħ f'kumpannija[4];

Illi, fit-tieni lok, il-Qorti qieset ukoll x'għandhom xi jgħidu l-awtoritajiet dwar il-liġi minn liema l-artikolu 402 tagħna huwa mirut. Sabet li, l-imsemmija proċedura tal-*unfairly prejudicial remedy* hija wżata ħafna fir-Renju Unit u nkiteb ħafna dwarha wkoll. Meta wieħed iħares lejn min għandhom ikunu l-partijiet fi proċedura bħal din, isib li: "*The petitioner will be the member seeking relief, and the company of which he is a member and in relation to whose affairs he alleges unfairly prejudicial conduct will be made a respondent. Additionally, every member of the company (other than the petitioner) whose interests might be effected by the relief sought should be joined as a respondent, whether or not allegations of unfairly prejudicial conduct are made against him: in the case of a small private company, this will usually mean that every member ought to be joined as a respondent to the petition. The category of potential respondents (other than the company) is not, however, limited to members of the company. In an appropriate case, relief may be sought against a non- or former member. The width of the category of potential respondents is indicated by <u>Lowe vs Fahey</u>[5], where it was held that if the unfairly prejudicial conduct alleged was a diversion of corporate funds, a petitoner could seek relief not only against members and former members, but also against directors involved or third parties who knowingly received or improperly assisted in the diversion. Even a person who is not actively involved in the conduct of the affairs of the company complained of may be made a respondent, at least if he would be affected by the relief sought*"[6];

Illi għall-Qorti din is-silta hija tifsira mirquma u pertinenti għall-każ li għandha quddiemha. Fi kliem ieħor qiegħed

---

[3] Ara ***Ebrahimi vs Westbourne Galleries Limited*** (1973) AC 360
[4] Ara J.H. Farrar & B.M. Hannigan <u>Farrar's Company Law</u> (4th. Edit), paġ. 449
[5] (1996) 1 BCLC 262
[6] Victor Joffe, <u>Minority Shareholders: Law, Practice and Procedure</u> (2000), Chap. 6, page 218

jingħad li, flimkien mal-kumpannija, hemm għadd ta' persuni oħrajn li jistgħu jiġu intimati biex iwieġbu l-pretensjoni ta' azzjonist imġarrab. Fil-każ preżenti, uħud mill-egħmejjel li r-rikorrent jilminta minnhom jolqtu lill-intimat personalment u direttament. Għalhekk, l-intimat ma jistax jgħid li m'huwiex il-persuna xierqa biex iwieġeb għax-xiljiet tar-rikorrent. Il-fatt li l-ebda waħda mill-kumpanniji ma hija intimata ma jidhirx, fil-fehma tal-Qorti, li twassal biex il-proċedura kollha tar-rikorrent tintrema 'l barra għax ma tiswiex;

Illi jekk wieħed jieħu qies tan-nuqqas ta' formaliżmu li l-leġislatur tagħna jelenka fid-dispożizzjoni relattiva tal-Att tal-Kumpanniji, wieħed malajr jifhem li xi nuqqas ta' parti li tista' jew għandha tkun parti fi proċedura bħal din jew li jkollha interess li tindaħal fl-istess proċedura, jista' jiġi rimedjat b'xi wieħed mill-għadd ta' possibiltajiet li l-liġi tal-proċedura tippreskrivi b'mod ġenerali fejn jidħlu kawżi jew proċeduri ġudizzjarji;

Illi dwar l-<u>eċċezzjoni li l-azzjoni proposta mhix dik li messha nbdiet</u>, jingħad li, b'żieda ma' dak li ssemma aktar qabel, l-azzjoni preżenti ma hijiex azzjoni esklussiva, imma waħda li hija maħsuba għall-għoti ta' rimedju li jista' jkun wieħed li jindirizza l-ilment partikolari f'qagħdiet partikolari. Kif ingħad "*The fact that the petitioner could have brought a derivative action with respect to the alleged conduct does not preclude him seeking relief under the unfairly prejudicial provision*"[7];

Illi sewwa issottometta l-abbli difensur tar-rikorrent li l-azzjoni mibdija mill-klijent tiegħu ma tagħlaqlux it-triq li jista' jieħu proċeduri oħrajn jekk din ma tagħtihx dak kollu li jirriżulta mistħoqq. L-azzjoni li semma l-intimat (jiġifieri dik maħsuba taħt l-artikolu 143 tal-Kap 386) m'hijiex rimedju mogħti lil azzjonist minoritarju, imma lill-kumpannija[8]. Iżda, wkoll kieku wieħed jista' jgħid li l-azzjoni maħsuba fl-artikolu 143 tista' tinfetaħ minn azzjonist, xorta waħda ma jidhirx li hija r-rimedju waħdien li jista' jittieħed kontra direttur ta' kumpannija li jiġi mixli li

[7] Farrar & Hannigan, *op. cit.* paġġ. 457-8
[8] Art. 143(2) tal-Kap 386

ikkonkorra mal-istess kumpannija. Kemm hu hekk, l-artikolu 143(3) nnifsu jipprovdi li tali azzjoni tkun bla ħsara għal kull rimedju ieħor li l-kumpannija jista' jkollha kontra direttur għall-ksur tad-dmirijiet tiegħu;

Illi minn dawn il-fehmiet, joħroġ li l-ebda waħda mill-preġudizzjali mqanqlin mill-intimat ma tidher li hija mistħoqqa u l-Qorti m'hijiex sejra tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-intimat billi ma jirriżultawx fondati fid-dritt;

**Tiddikjara** li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent kif magħmula tiswa u l-intimat għandu jibqa' fil-kawża u jwieġeb għall-istess azzjoni; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

L-ispejjeż jiġu determinati mal-għoti tad-deċiżjoni aħħarija.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------